**26 ta' Mejju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D,**

Il-Pulizija

*versus*

Twanny Aquilina

**Talba għas-Sospenzjoni ta' l-Eżekuzzjoni tas-Sentenza**

***Meta mill-provi jkun jirriżulta li l-imputat esprima l-intenzjoni tiegħu li jappella u, safejn kien jiddependi minnu, għamel dak kollu li kellu jsir, l-appell m'għandux jiġi ritenut null minħabba l-fatt li l-verbal relattiv u l-formula tal-garanzija ma jkunux jirriżultaw mill-atti, għax dawn huma nuqqasijiet li m'għandhomx jiġu addossati lill-appellant.***

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Twanny Aquilina;

*Omissis*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Frar, 1994;

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Twanny Aquilina ppresentat fil-25 ta' Frar, 1994 li bih talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija u l-liberazzjoni minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti tat-12 ta' Mejju, 1994;

Semgħet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 1994 l-Avukat Ġenerali eċċepixxa n-nullità tar-rikors ta' appell peress li l-appellant ma talabx is-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza u anqas ma jirriżulta li għamel ebda garanzija. Dwar din il-preġudizzjali l-appellant ikkontenda, permezz ta' l-abbili difensur tiegħu, li dina

t-talba saret. Il-Qorti fuq dana l-punt ammettiet lill-appellant biex jixhed. Mid-deposizzjoni tiegħu din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant, permezz tad-difensur tiegħu, għamel it-talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza. Jirriżulta wkoll li l-appellant kien ġie mogħti xi karta (presumibbilment il-formula tal-garanzija) biex jiffirmaha meta kien għadu fl-awla tal-Qorti tal-Maġistrati, u għalhekk din il-Qorti hi sodisfatta li l-appellant mhux biss esprima l-intenzjoni tiegħu li jappella iżda, safejn kien jiddependi minnu, għamel dak li kellu jsir. Il-fatt li l-verbal li juri li t-talba saret u li ġiet akkordata u l-formula tal-garanzija ma jirriżultawx mill-atti huma nuqqasijiet li ma għandhomx jiġu addossati lill-appellant (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija V. Karl Gialanze,** 17 ta' Mejju, 1994). Għalhekk din il-Qorti qed tiddisponi minn din il-preġudizzjali billi tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali.

*Omissis.*